# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 4/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Emanuel Xerri**

Illum l-4 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Emanuel Xerri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 401874(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer, f'Ġunju 2017 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza

ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn ħamest elef Euro (€5000) għad-detriment ta' Carmen Muscat;

2. fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi approprja ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, is-somma ta' aktar minn ħamest elef Euro (€5000) taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema somma ġiet fdata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga jew servizz tiegħu, għad-detriment ta' Carmen Muscat;

3. fl-istess perjodu kellu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu xi oġġett għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi;

4. fl-istess perjodu għamel, addatta, ipprovda jew offra li jipprovdi xi oġġett meta kien jaf li dan l-oġġett kien intiż jew addattat biex jintuża fit-twettiq ta' jew f'konnessjoni ma' frodi jew bl-intenzjoni li jintuża biex jitwettaq frodi jew jassisti fl-għemil ta' frodi.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Diċembru 2018 fejn il-Qorti filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni minħabba li qalet li din kienet ingħatat bħala alternattiva għall-ewwel (1) imputazzjoni, wara li rat Artikoli 17, 18, 308, 309, 310(1)(a), 310BA(1) u 310BA(2)(a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni addebitati fil-konfront tiegħu u kkundannatu tliet (3) snin priġunerija. B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-imputat

sabiex sa żmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub mir-Reġistratur tal-Qorti jħallas lill-istess Reġistratur is-somma ta' erba' mija u wieħed u għoxrin Euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€421.26) liema ammont jirrapreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti f'dan il-każ.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-2 ta' Jannar 2019 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirrevoka u tħassar is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija u minflok tiddikjara lill-appellanti mhux ħati tal-akkużi lilu addebitati. Subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-appellanti jitlob li l-istess sentenza tiġi riformata kwantu għal piena u dana billi tingħata piena aktar xierqa skont iċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu ma' dak li kien diġa' jirriżulta mill-atti proċesswali b'mod partikolari dak li ġara quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti fil-qosor ta' dan il-każ huma li l-*parte civile* Carmen Muscat irrappurtat lill-appellant li kien aġixxa b'mod malizjuż meta ppremetta li hu uffiċjal pubbliku u ffroda u għamel approprjazzjoni indebita għad-dannu tagħha meta hi għaddietlu flus kontanti wara li wegħda li jirranġalha biex tapplika għal skema bħala *live-in carer* kif ukoll għal-liċenzja ta' *carer* biex tkun tista' taħdem barra minn Malta u barra dan takkwista dar minn għand l-Awtorita' tad-Djar. Il-*parte civile* tisħaq li minn dan kollu

ma mmaterjalizza xejn għaliex il-wegħdi tal-appellant kienu fiergħa.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jissottometti li minn imkien ma jirriżulta li huwa għamel xi raġġiri biex jikkonvinċi lill-*parte civile* sabiex tgħaddilu l-flus. Jisħaq li l-Prosekuzzjoni straħet fuq il-messaġġi telefoniċi li ntbagħtu bejnu u l-*parte civile* u li l-Prosekuzzjoni kkonkludiet li l-komunikazzjoni bejn il-*parte civile,* Godwin Farrugia u David tal-*Planning Authority* kienet waħda fittizja għax dawn kienu karattri fittizji. Jargumenta li l-Prosekuzzjoni stabbiliet li n-numri telefoniċi ntużaw mil-lokalita' fejn kien jgħix hu (l-appellant) u li dan juri li l-evidenza tal-Prosekuzzjoni hija soġġettiva. Jgħid li l-Prosekuzzjoni riedet ukoll tipprova li hu kien ben konxju tal-ingann u l-qerq. Jgħid li minn imkien ma jirriżulta li hu għamel xi messa in xena u li għalhekk ir-rekwiżiti tar-reat ma ġewx ippruvati mill-Prosekuzzjoni. Jgħid li l-fatt li kien jilbes ingravata sewda bl-arma ta' Malta mhux biżżejjed biex twassal għall-prova u li l-uniku xhud mhux kredibbli. Isostni li hemm dubji biżżejjed sabiex hu (l-appellant) ikun liberat għaliex il-Prosekuzzjoni ma ġabitx provi biżżejjed li jippruvaw il-każ 'l hemm minn kwalunkwe dubju. Isostni wkoll li ma tressaq ebda xhud biex jikkorrobora l-verżjoni tal-*parte civile* u li għalhekk wisq anqas ma jista' hu jinstab ħati li uża l-flus għall-gwadann personali tiegħu. Jgħid li l-Qrati mxew dejjem mal-linja li l-persuni li jikkorrompu uffiċjali pubbliċi għandhom ikunu kkundannati bl-istess mod bħalma jkunu kkundannati l-uffiċjali pubbliċi u jagħmel riferenza għal sentenzi. Jisħaq li l-intenzjoni tal-*parte civile* kienet li tikkorrompi uffiċjal pubbliku. Jgħid li lanqas ma hemm provi li għaddiet dawn il-flus ħlief ammont ta' erba mitt Euro (€400) li għadda biss darba b'ċekk. Jgħid ukoll li ma hemm ebda prova ta' espert tal-kalligrafija li l-irċevuti kienu miktubin minnu.

Illi effettivament fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant għandu aggravju wieħed għaliex il-punti kollha li jsemmi jwasslu għall-aggravju dwar l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti. Jisħaq li għar-raġunijiet kollha msemmija minnu, din il-Qorti

għandha tilliberah mill-imputazzjonijiet li huwa nstab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi għandu jingħad li minkejja li kunflitt fil-provi għandu jmur a benefiċċju tal-imputat, pero' fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deċiża fid-19 ta' Mejju 1997, din il-Qorti diversament preseduta rriteniet is-segwenti:

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Illi l-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** (Numru 128/2002) fejn din il-Qorti diversament preseduta spjegat x'jiġri meta Ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti u ċioè jistgħu jiġru żewġ affarijiet u ċioè jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** (Numru 436/2009) mogħtija fit-2 ta' Frar 2012, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qegħdin jagħtu verżjoni differenti minn oħrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi għax hemm xhieda differenti bil-fors hemm kunflitt li għandha twassal għal liberatorja. Fil-kawża **Pulizija vs. Joseph Thorn** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet:
>
> *"... mhux kull kunflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti f'każ ta' kunflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annunċjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal għal konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma*

> *temminx*" (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006).""[2]

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** (Numru 38/2011) deċiża fil-31 ta' Ottubru 2013, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Ma hemm xejn ħażin illi l-Qorti tistriħ fuq xhud wieħed biss kif *del resto* hija ntitolata li tagħmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jgħid illi xhud wieħed jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tiġi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida mogħtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9."

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti f'dan il-każ jirriżulta li l-*parte civile* tat madwar sebgħa u disgħin elf Euro (€97,000) kważi kollha fi flus kontanti lill-appellant. Ħafna mill-flus kienu marbuta ma' meljoramenti jew inkella bħala parti minn ħlas li kien dovut l-ewwel għax-xiri ta' *flat* u wara għax-xiri ta' *penthouse*. Jirriżulta wkoll li l-appellant kien jirreferi għall-persuna ta' Godwin Farrugia li dan mhux tassew kien impjegat mal-Awtorita' tad-Djar waqt li xhud ieħor ikkonferma li ma kien hemm ebda applikazzjoni f'isem il-*parte civile* mal-Awtorita' tad-Djar. Huwa sinjifikanti wkoll ir-rapport tal-Espert Anthony Spiteri, espert maħtur mill-Qorti, li kkonkluda li n-numri 99711085 u 99976986 kienu qegħdin jintużaw mill-istess *mobile* u li ħafna mit-telefonati u sms's kienu saru minn *cell towers* fl-inħawi ta' Birkirkara fost postijiet oħrajn (bir-residenza tal-appellant tkun f'Birkirkara), kif inhu importanti wkoll li mir-*records* tal-appellant ma hemm ebda indikazzjoni li xi darba kellu xi impieg fiċ-ċivil.

---

[2] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et**, 17 ta' Settembru 2012; **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech**, 17 ta' Settembru 2012; **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali**, 24 ta' Jannar 2013; **Il-Pulizija vs. Mario Pace**, 6 ta' Frar 2013; **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt**, 11 ta' Lulju 2013.

Illi fl-appell tiegħu l-appellant jgħid li l-Prosekuzzjoni ma ġabitx provi 'l hemm minn kull dubju raġonevoli. Skont l-appellant il-Prosekuzzjoni ma kellhiex tistrieħ fuq ix-xiehda tal-*parte civile* biss u li, skont hu, m'hemmx korroborazzjoni għaliha.

Illi din il-Qorti ssib li l-verżjoni li tat il-*parte civile* hija waħda kredibbli u bl-ebda mod ma ġiet kontradetta. Fejn setgħet ġabet il-provi wkoll tal-ammonti u kkonfermathom bil-ġurament. Kif diġà ngħad aktar 'il fuq, skont il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta xhud wieħed, jekk jitwemmen, huwa biżżejjed. Għandu jingħad li lanqas hu eżatt meta l-appellant jgħid li ma hemm xejn x'jikkorrobora dak li qalet il-*parte civile*. Dan qed jingħad għaliex jekk indunat li dak in-numru ta' sms's kollha ma kienux ġejjin mill-allegati persuni li kienu "qed jieħdu ħsieb l-affarijiet", dan ġie ikkonfermat l-ewwelnett għaliex wieħed mill-persuni lanqas biss kien impjegat mad-dipartiment u mbagħad permezz tax-xiehda tal-espert imqabbad mill-Qorti mill-eżami akkurat li huwa għamel tas-CD ippreżentata fl-atti proċesswali. Isegwi li mhux biss hemm ix-xiehda konvinċenti tal-*parte civile* imma hemm ukoll xhieda li jikkorroboraw aspetti tagħha. Il-*parte civile* hija l-aqwa prova li setgħet tinġieb u l-Prosekuzzjoni ġabitha.

Illi l-appellant jagħmel sottomissjonijiet dwar l-ingravata sewda bl-arma ta' Malta li nstabet proprju fil-post fejn instab hu. Jekk wieħed iqis li l-appellant kien qed jippoża ta' impjegat ġewwa l-Berġa ta' Kastilja allura dan id-dettal ikompli jikkorrobora dak li qalet il-*parte civile* li baqgħet soda anke fil-kontro-eżami. Għandu jingħad ukoll li l-ammonti ta' flus li tħallsu huma ammonti li wieħed jemmen meta wieħed iqis li kien hemm ix-xiri ta' *flat* u mbagħad ta' *penthouse* fin-nofs. Għandu jitqies li l-appellant qatt ma ħadem fil-Berġa ta' Kastilja jew f'post governattiv waqt li hu kien qed jippoża ta' hekk. B'hekk barra mix-xiehda diretta hemm katina ta' provi ċirkostanzjali oħra li wieħed ma jistax jinjora. Anzi ħafna drabi l-prova ċirkostanzjali tista' tkun aktar preċiża mix-xiehda diretta.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar l-ewwel (1) imputazzjoni – ċioè dik tat-truffa – il-Qrati tagħna taw ħafna deċiżjonijiet u fost l-oħrajn din il-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** mogħtija fit-22 ta' Frar 1993, din il-Qorti diversament preseduta għamlet esposizzjoni ferm preċiża, studjata u dettaljata għar-rigward ta' l-elementi tar-reat ta' truffa. Fis-sentenza msemmija, il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruħha b'dan il-mod għar-rigward ta' dan ir-reat:

> "Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-leġislazzjoni Rumana kien magħruf bħala steljolat u li jikkorrispondi eżattament għat-truffa tal-*Codice Sardo*, għal frodi tal-Kodiċi Toskan, għal Engano jew Estafa fil-kodiċi Spanjol, għal Bulra f'dak Portugiż, u għal Esroquerie fil-Kodiċi Franċiż. […]
>
> Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tagħna kienu ġew meħuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 430 tal-Kodiċi *delle Due Sicilie* li hu identiku ħlief għal xi kelmiet insinjifikanti għal Kodiċi Franċiż (Artikolu 405) avolja dan, il-Kodiċi tad-*Due Sicilie*, it-truffa kien isejħilha Frodi […].
>
> Skond ġurisprudenza kostanti [...], l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li ġejjin.
>
> Fl-ewwel lok bħala suġġett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulħadd.
>
> Fit-tieni lok il-leġislatur, aktar mill-interess soċjali tal-fiduċja reċiproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-użu ta' l-ingann u tar-raġġieri li jinduċu bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

(a) b'mezzi kontra l-liġi, jew

(b) billi jagħmel użu minn ismijiet foloz jew

(c) ta' kwalifiki foloz jew

(d) billi jinqeda b'qerq ieħor u

(e) ingann jew

(f) billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz,

(g) jew ta' ħila;

(h) setgħa fuq ħaddieħor jew

(i) ta' krediti immaġinarji jew

(j) sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor.

[...H]u neċessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagaċja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu neċessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-liġi. […]

Dwar l-artifizzji hemm diversi sentenzi tal-Qrati tagħna u ta' din il-Qorti speċjalment. Hekk, l-Imħallef W. Harding tas-27 ta' Mejju, 1944 *in re* **Il-Pulizija vs. Nikol Bonnici** qal *"Il-Qorti t'isfel fis-sentenza tagħha ... waslet għall-konklużjoni illi hemm bżonn biex ikun reat taht l-Artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem ikun akkumpanjat*

*minn apparat estern li jsaħħaħ il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-teżi hija dik aċċettata fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleġġjalment komposta fil-kawża* ***Regina versus Francesco Cachia e Charles Bech*** *deċiża fit-2 ta' Jannar, 1896 li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede"."*

Illi fl-istess sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** hawn fuq imsemmija, l-istess Qorti ċċitat lill-Imħallef Ġużé Flores fejn qal illi:

""kif jidher mid-diċitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bżonn li tirriżulta materjalita' speċifika li sservi ta' substrat għall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bħala vera u b'hekk bħala mezz ta' qerq. M'huwiex biżżejjed għall-finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, lużingi, promessi, mingħajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-liġi tagħti protezzjoni speċjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kważi teatrali, li tissupera l-kawtela ordinarja kontra s-sempliċi u lużingi, u li tagħti dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni feliċi fid-dritt Franċiż *mise-en-scene.*""

Illi minn din l-espożizzjoni t'hawn fuq fejn fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** hawn fuq ċċitata saru riferenzi għal diversi sentenzi oħra tal-Qrati tagħna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat tal-frodi baqgħu invarjati tul iż-żmien.

Illi f'sentenza mogħtija mill-Corte di Cassazione Penale ġie deċiż illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbagħad jissussisti dan it-tip ta' reat huwa neċessarju illi jeżistu: *"I tre momenti di cui si compone il reato é cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella*

*conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez. II 3 ottobre 2006 n. 34179).*

Illi għar-rigward ta' dan l-element soġġettiv tar-reat tat-truffa, kif ġie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei li ġie kkwotat f'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ċioè dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri** (Numru 17/2003) mogħtija fit-22 ta' Ottubru 2004:

> *"L'agente [...] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta' sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato.*[3]*"*

Illi riferenza għandha ssir ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emmanuele Ellul** deċiża fl-20 ta' Ġunju 1997, fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Fil-liġi tagħna, element essenzjali għall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-*mise en scene*, ċioè dawk l-"artifiżi" jew "raġġiri" idonei li jinduċu u li effettivament ikunu induċew lill-vittma fi żball – l-ingann – u li b'konsegwenza ta' dak l-iżball il-vittma tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligħ għall-aġent. Kif jispjega l-ġurista Taljan Francesco Antolisei, b'*artifizio* wieħed għandu jifhem:
>
> *"ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta' effettuata sia simulando ċioè che non esiste (per es. ricchezza, titoli, nome, qualita' ecc sia dissimulando, vale a dire, nascondendo ċioè che esiste (per es., il proprio stato di*

[3] ***Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I*** Giuffre' (Milano) 1986, p. 303.

*insolvenza, di persona coniugata, o inabilitata, l'uso di una determinate cosa ecc)"* (*Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I* Giuffre (Milano) 1986, p. 295);

L-istess awtur jiddefinixxi r-raġġir bil-mod segwenti:

*"Il raggiro … … é un avvolgimento ingegnoso di parole destinate a convincere: piu' precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita'" (ibid)*;

Il-ligi tagħna ma tirrikjedix il-messa in xena, ċioè li dawn l-artifiżji jew raġġiri jkunu xi ħaġa kkomplikata jew arkitettata b'ħafna pjanijiet; in fatti l-liġi stess tindika l-forom li dawn l-artifiżji jew raġġiri jistgħu jieħdu. Fostħom dawn hemm is-sitwazzjoni ta' meta persuna bi kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni tagħti x'tifhem li għandha flus meta m'għandhiex. Meta wieħed joħroġ ċekk meta jkun jaf, jew messu raġonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak iċ-ċekk jista' jiġi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'waħda mill-forom kontemplati fil-liġi tagħna."

Illi l-**Antolisei** jiġbor it-tliet elementi hekk:

*"La fattispecie oggettiva della truffa consista dei seguenti elementi:*

*(a) un particolare comportamenti del reo, che il codice designa con l'espressjoni artifizi o raggiri;*

*(b) la causazione di errore, il quale deve a sua volta dare origine a una disposizione patrimoniale;*

*(c) un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona."*

Illi mill-provi prodotti f'dan il-każ jirriżultaw it-tliet elementi li jsemmi l-Antolisei għaliex l-appellant ħoloq struttura ta' artifizji u raġġiri b'mod u manjiera li l-vittma emmnitu. Huwa ħoloq nies li ma jeżistux, ħoloq formoli li mhux veru saru f'isem il-*parte civile*, u ħoloq messaġġi li ma kienux ġejjin minn nies li allega hu u li hu kien jaħdem il-Berġa ta' Kastilja. Ħoloq ukoll permezz ta' artifizji li l-vittma kienet ser tottjeni post tal-gvern bil-persentaġġ li għandu jitħallas dejjem jogħla għaliex l-ewwel beda bil-*flat* u mbagħad qal li ser ikun hemm *penthouse*. Imbagħad it-tieni element – l-iżball li sar mill-vittma li emmnet li kienu qed isiru applikazzjonijiet f'isimha meta rriżulta li fid-Dipartiment tal-Kura u Anzjani ma kien eżista xejn. U lanqas kien veru li kienu qed isiru depożiti qawwijin biex jinxtraw l-appartment jew il-*penthouse* jew il-*garage* u l-art ta' ħdejh jew li l-flus kienu qed jintużaw għall-irħam u għall-faċċata. Fl-aħħarnett hemm id-dannu patrimonjali li sofriet il-vittma minħabba l-aġir tal-appellant. Il-flus ingħataw lilu u lil ħadd aktar u dawn il-flus ma ġewx depożitati ma' ħadd ieħor. Għalhekk il-Prosekuzzjoni ppruvat it-tliet elementi li hemm fir-reat ta' truffa u b'hekk għamlet sew l-Ewwel Qorti li sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar <u>it-tieni (2) imputazzjoni</u> din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tagħha għaliex qalet li din ngħatat bħala alternattiva għall-ewwel (1) imputazzjoni. B'hekk din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tagħmel konsiderazzjonijiet dwar it-tieni (2) imputazzjoni minħabba li ħadd ma appella minn dak deċiż dwarha mill-Ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar <u>it-tielet (3)</u> u <u>r-raba' (4) imputazzjoni</u> dawn jemanu minn Artikoli 310BA(1) u 310BA(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni ppruvat li l-appellant uża dokumenti biex jilħaq l-iskop tiegħu. B'hekk isegwi li dawn iż-żewġ imputazzjonijiet ġew ukoll ippruvati u l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellant ħati tagħhom.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha, tinnota li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet hekk: *"Għall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati kif ukoll l-ammont konsiderevoli ta' flus involut u fiċ-ċirkostanzi jidhrilha li għandha timponi piena karċerarja effettiva. Il-Qorti qieset it-tielet u r-raba' imputazzjoni bħala kompriżi u nvoluti fl-ewwel imputazzjoni"*.

Illi din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-assiem tal-provi kollha prodotti nkluż l-ammont involut u ħadet in konsiderazzjoni wkoll tal-piena li għandha tingħata skont il-liġi fir-rigward ta' sejbien ta' ħtija fir-rigward ta' dak li l-appellant ġie misjub ħati tiegħu mill-Ewwel Qorti. Għal kull buon fini din il-Qorti tinnota wkoll li minkejja li fis-seduta miżmuma fid-9 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 299) quddiem din il-Qorti diversament preseduta l-appellant talab differiment sabiex mingħajr preġudizzju għall-aggravju tiegħu huwa javviċina lill-*parte civile* bi proposta ta' ħlas tal-ammont minnu dovut, permezz ta' Nota ppreżentata mill-*parte civile* fil-11 ta' Settembru 2020 (*a fol.* 308) din il-Qorti diversament preseduta

ġiet infurmata li l-appellant ma kien għadu vversa ebda flejjes lilha. Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, din il-Qorti tinnota li piena ta' tliet (3) snin priġunerija mhijiex waħda eċċessiva u għaldaqstant din il-piena mhijiex ser tiġi varjata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Emanuel Xerri u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**